DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Marzu 2013

dwar l-approvazzjoni tal-użu ta' dijodi li jemettu d-dawl f'ċerti funzjonijiet tad-dawl ta' vetturi M1 bħala teknoloġija innovattiva biex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/128/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi ħfief [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-manifattur AUDI AG ("l-Applikant") ressaq applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' teknoloġija innovattiva fid-29 ta' Awwissu 2012. Ġie vvalutat li l-applikazzjoni hija sħiħa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Il-Kummissjoni identifikat ċerta informazzjoni rilevanti li tħalliet barra fl-applikazzjoni oriġinali u talbet lill-Applikant biex jagħtiha. L-Applikant ta l-informazzjoni mitluba fil-25 ta' Ottubru 2012. Instab li l-applikazzjoni kienet sħiħa u l-perjodu biex il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni tal-applikazzjoni beda l-għada ta' meta waslet uffiċjalment l-informazzjoni sħiħa, jiġifieri s-26 ta' Ottubru 2012.

(2) L-applikazzjoni ġiet ivvalutata skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u l-Linji Gwida Tekniċi għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 [3].

(3) L-applikazzjoni tirreferi għall-użu tad-dijodi li jemettu d-dawl (l-LEDs) fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi, fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin, u fil-fanal tal-pjanċa tal-liċenzja ta' vetturi M1.

(4) Il-Kummissjoni tagħraf li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni turi li ntlaħqu l-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u fl-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011.

(5) L-Applikant wera li l-użu tal-LEDs fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi, fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin, u fil-fanal tal-pjanċa tal-liċenzja ma jaqbiżx it-3 % tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri li kienu rreġistrati fis-sena ta' referenza 2009. Biex jappoġġa dan, l-Applikant ta dejta dwar il-persentaġġ ta' LEDs installati f'funzjonijiet tad-dawl differenti fil-mudell AUDI A6, f'vetturi M1 immanifatturi mill-Volkswagen AG u dejta tal-produzzjoni mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri ta' Komponenti tal-Karozzi (CLEPA). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-LEDs fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi, fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin, u fil-fanal tal-pjanċa tal-liċenzja għandu jitqiesu eliġibbli għall-approvazzjoni bħala teknoloġija innovattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(6) Id-definizzjoni tat-teknoloġija bażi hija essenzjali biex jinstab l-iffrankar tas-CO_2 bit-teknoloġija innovattiva. Għalhekk din id-definizzjoni għandha tkun ġustifikata u msejsa fuq dejta rilevanti. L-Applikant ta dejta biex jappoġġa d-dawl aloġenu bħala t-teknoloġija li ppenetrat l-aktar fis-suq fl-2009. Il-Kummissjoni tinnota li għalkemm hemm teknoloġiji tad-dawl oħra li huma effiċjenti aktar fl-użu tal-enerġija u li ntużaw f'segment limitat tal-flotta tal-karozzi, huwa rikonoxxut li kien id-dawl aloġenu li ppenetra l-aktar is-suq għall-flotta kollha kemm hi. Minħabba f'hekk, u bl-iskop li jkun żgurat li l-metodoloġija għall-ittestjar tista' tkun rilevanti u rappreżentattiva għall-flotta tal-vetturi kollha kemm hi, ikun xieraq li d-dawl aloġenu jitqies bħala t-teknoloġija bażi.

(7) L-Applikant ta metodoloġija biex jiġi ttestjat it-tnaqqis tas-CO_2 bl-użu tal-LEDs fil-funzjonijiet tad-dawl konċernati. Il-Kummissjoni tqis li l-metodoloġija tagħti riżultati preċiżi u affidabbli u tista' terġa' tintuża minn parti terza.

(8) Il-Kummissjoni tqis li l-Applikant wera b'mod sodisfaċenti li, għall-vetturi li fuqhom ġiet ittestjata t-teknoloġija innovattiva permezz tal-metodoloġija deskritta, it-tnaqqis fl-emissjonijiet miksub bit-teknoloġija innovattiva huwa mill-anqas 1 g CO_2/km.

[1] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.
[2] ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19.
[3] http://ec.europa.eu/clima/policies/transport/vehicles/cars/docs/guidelines_en.pdf (il-verżjoni ta' Lulju 2011)

(9) Billi l-attivazzjoni tad-dawl fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi, fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin, u fil-fanal tal-pjanċa tal-liċenzja, ma hemmx bżonnha għat-test tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet tas-CO_2 imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 [2], il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-funzjonijiet tad-dawl inkwistjoni mhumiex koperti biċ-ċiklu tat-test standard.

(10) L-attivazzjoni tal-funzjonijiet tad-dawl konċernati hija obbligatorja sabiex ikun żgurat li l-karozza titħaddem b'mod sikur u minħabba f'ħekk ma tkunx dipendenti fuq l-għażla tas-sewwieq. Fuq din il-bażi l-Kummissjoni tqis li l-manifattur għandu jitqies responsabbli għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 minħabba l-użu tal-LEDs.

(11) Ir-rapport ta' verifika ħejjieh korp indipendenti u ċċertifikat u dan jappoġġa s-sejbiet u t-testijiet li saru.

(12) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li ma għandhom isiru l-ebda oġġezzjonijiet fejn tidħol l-approvazzjoni tat-teknoloġija innovattiva inkwistjoni.

(13) Kull manifattur li jkun jixtieq igawdi minn tnaqqis fl-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tiegħu bl-iskop li jilħaq il-mira tiegħu tal-emissjonijiet speċifiċi billi jiffranka s-CO_2 bl-użu tal-LEDs fil-funzjonijiet tad-dawl konċernati, dan, skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011, għandu jirreferu għal din id-Deċiżjoni fl-applikazzjoni tiegħu għal ċertifikat tal-KE tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi konċernati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-użu tal-LEDs fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi, fil-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin, u fil-fanal tal-pjanċa tal-liċenzja huwa approvat bħala teknoloġija innovattiva skont it-tifsira tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

2. It-tnaqqis tas-CO_2 bl-użu tal-LEDs fil-funzjonijiet tad-dawl imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jinstab bil-metodoloġija stabbilita fl-Anness. It-tnaqqis tas-CO_2 għandu jinstab bħala t-tnaqqis totali tat-taħlita tal-użu tal-LEDs fit-tliet funzjonijiet tad-dawl speċifikati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.
[2] ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1.

ANNESS

Metodoloġija biex jinstab it-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 bl-użu tad-dawl LEDs fil-fanali ta' quddiem tar-raġġi baxxi, fil-fanali ta' quddiem tar-raġġi għoljin, u fil-fanali tal-pjanċa tal-liċenzja

1. INTRODUZZJONI

Sabiex jinstab it-tnaqqis tas-CO_2 li jista' jkun attribwit għall-użu tal-LEDs fil-fanali ta' quddiem tar-raġġi baxxi, fil-fanali ta' quddiem tar-raġġi għoljin, u fil-fanali tal-pjanċa tal-liċenzja mgħammra f'vetturi M1, iridu jkunu stabbiliti dawn li ġejjin:

(a) Il-konsum tal-qawwa elettrika tad-dwal LED li jintużaw fil-funzjonijiet tad-dawl inkwistjoni;

(b) L-iffrankar fil-konsum tal-qawwa elettrika meta mqabbel mat-teknoloġija bażi, jiġifieri mad-dwal aloġeni;

(c) It-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 minħabba li jkun iffrankat il-konsum tal-qawwa elettrika.

2. JINSTAB IL-KONSUM TAL-QAWWA ELETTRIKA TAL-LEDs

Il-konsum tal-qawwa elettrika tal-LEDs għal kull funzjoni tad-dawl konċernata jrid jinstab bħala l-multiplikazzjoni tal-vultaġġ tal-batterija u l-kurrent elettriku ta' kull unità tad-dawl bin-numru ta' dwal ta' kull unità tad-dawl, skont il-formula:

$P_{LED} = U \times I \times n$;

PLED: il-konsum tal-qawwa elettrika ta' funzjoni tad-dawl bl-LEDs (W);

U: il-vultaġġ tal-batterija (V). Dan l-ammont jista' jitkejjel bil-multimetru;

I: il-kurrent elettriku (A). Dan l-ammont jista' jitkejjel bil-multimetru;

n: in-numru ta' dwal f'funzjoni.

Il-kejl tal-konsum tal-qawwa tal-LEDs jista' jsir b'mod separat mit-test sħun tal-NEDC (ara l-punt 4 ta' dan l-Anness).

3. JINSTAB KEMM ĠIE FFRANKAT KONSUM TAL-QAWWA ELETTRIKA BL-UŻU TAL-LEDs

L-iffrankar fil-konsum tal-qawwa elettrika minħabba l-LEDs irid jinstab billi jitqabbel il-konsum tal-qawwa elettrika tat-teknoloġija bażi mal-konsum tal-qawwa elettrika tal-LEDs għal kull funzjoni tad-dawl rilevanti.

L-iffrankar totali li joħroġ mit-tqabbil irid jiġi mmultiplikat b'fattur tal-użu li jkun jirrappreżenta l-ħin li matulu l-LEDs ikunu attivati għalkollox.

Iċ-ċifri speċifikati fit-tabella jridu jiġu applikati għall-konsum tal-qawwa elettrika tat-teknoloġija bażi u għall-fatturi tal-użu.

Funzjoni tad-dawl	Il-konsum totali tal-qawwa elettika tat-teknoloġija bażi (id-dwal aloġeni) (W) [1]	Il-fattur tal-użu (%) [2]
Il-fanal ta' quddiem tar-raġġi baxxi	137	33
Il-fanal ta' quddiem tar-raġġi għoljin	150	3
Il-fanal tal-pjanċa tal-liċenzja	12	36

[1] Il-konsum tal-qawwa elettrika kif inhu ddeterminat fil-Linji Gwida Tekniċi għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009, "il-Linji Gwida Tekniċi".
[2] Il-fatturi tal-użu kif inhuma ddeterminati fil-Linji Gwida Tekniċi.

4. JINSTAB IT-TNAQQIS FL-EMISSJONIJIET TAS-CO_2 MINĦABBA LI JKUN IFFRANKAT IL-KONSUM TAL-QAWWA ELETTRIKA

Sabiex jikkwantifikaw l-impatt tal-konsum tal-qawwa elettrika fuq l-emissjonijiet tas-CO_2, il-vettura trid tiġi ttestjata fuq dinamometru tax-xaża billi jsir test ta' startjar sħun tal-NEDC kif inhu speċifikat fl-Anness 4a tar-Regolament Nru 83 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magni [1].

[1] ĠU L 42, 15.2.2012, p. 1.

Sabiex ikun żgurat li l-kejl jista' jiġi ripetut, il-qawwa tat-tagħbija elettrika żejda trid tkun ogħla b'mod sinifikanti mill-iffrankar potenzjali fil-qawwa elettrika tal-LEDs (l-iffrankar huwa inqas minn 40 W). Għalhekk trid tingħażel tagħbija żejda li biha l-alternejter ikun jista' jipproduċi qawwa elettrika żejda ta' ~750 W.

B'kollox iridu jsiru għaxar testijiet ta' startjar sħun tal-NEDC, li ħamsa minnhom iridu jsiru bit-tagħbija żejda ta' ~750 W u l-ħamsal-oħra mingħajrha. Sabiex tiġi minimizzata l-varjabbiltà tar-riżultati tat-testijiet, it-temperatura taż-żejt, it-temperatura ambjentali, u l-ħin bejn esperiment u ieħor iridu jiġu mmonitorjati u jinżammu kostanti fil-bidu tat-test.

Għal dawn il-varjabbli u għall-issettjar tat-tagħbija fit-triq, iridu jiġu segwiti dawn l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

— L-issettjar tat-tagħbija fit-triq tad-dinamometru tax-xażi jrid jinstab skont il-proċedura għall-kalibrar tad-dinamometru kif inhi definita fl-Anness 7 tar-Regolament Nru 83 (UN/ECE).

— Il-magna trid tissaħħan fil-bidu tat-test, jiġifieri t-temperatura taż-żejt trid tkun 92 °C < T < 96 °C;

— It-temperatura ambjentali trid tkun 22,0 °C < T < 23,8 °C;

— Il-ħin bejn it-testijiet ma jridx jaqbeż il-45 minuta.

Iridu jitkejlu dawn li ġejjin:

— L-output elettriku tal-alternejter mkejjel bit-tagħbija elettrika żejda ta' ~750 W (5 testijiet) (potenzjometru) u mingħajr it-tagħbija żejda (5 testijiet);

— L-emissjonijiet tas-CO_2.

5. JINSTAB IT-TNAQQIS FL-EMISSJONIJIET TAS-CO_2 U TINSTAB IS-SINIFIKANZA STATISTIKA

Id-differenza bejn l-emissjonijiet medji tas-CO_2 li joħorġu mill-għaxar testijiet imwettqa skont il-punt 4 trid tiġi mmultiplikata bl-iffrankar medju fil-qawwa elettrika ddeterminat skont il-punt 3 diviż bid-differenza bejn il-konsum medju tal-qawwa elettrika li toħroġ miż-żewġ testijiet imwettqa bit-tagħbija elettrika żejda u mingħajrha, jiġifieri:

$$C_{iCO_2} = (M_{iC} - M_{iNC}) \times \frac{\Delta P_M}{\overline{P_{iC}} - \overline{P_{iNC}}}$$

C_{iCO_2}: l-iffrankar tas-CO_2 tad-dwal LED (g/km)

M_{iC}: l-emissjonijiet massa tas-CO_2 bit-tagħbija elettrika żejda (g/km)

M_{iNC}: l-emissjonijiet massa tas-CO_2 mingħajr it-tagħbija elettrika żejda (g/km)

ΔP_M: l-iffrankar medju fil-qawwa elettrika bl-użu tal-LEDs (W)

P_{iC}: il-konsum medju tal-qawwa elettrika b'konsumatur żejjed (W)

P_{iNC}: il-konsum medju tal-qawwa elettrika mingħajr konsumatur żejjed (W)

Is-sinifikanza statistika tal-effetti mkejla trid tinstab billi tiġi kkalkulata d-devjazzjoni standard tal-ammonti mkejla ta' CO_2 (bit-tagħbija żejda u mingħajrha) u billi titqabbel id-differenza tal-ammonti mkejla ta' CO_2 (bit-tagħbija żejda u mingħajrha) mad-devjazzjoni standard. Id-differenza tal-ammonti mkejla ta' CO_2 trid tkun aktar minn tliet darbiet tad-devjazzjoni standard.